# IL-MAKKJETTA TAL-GĦANA




Divertiment ieħor b'xejn tas-seklu għoxrin kien dak tal-għana. Fil-fatt ħafna anzjani żgur li jiftakru kif ta' kuljum kienu jinġabru f'xi ħanut tax-xorb jew fil-misraħ u joqogħdu jqabblu tnejn bejniethom. Ġeneralment l-għana jinqasam fi tliet kategoriji. Hemm l-għanjiet improvviżati, bħall-ispirtu pront u l-botta u risposta. It-tieni kategorija hi l-għana tal-fatt, u t-tielet waħda hi l-għana fil-għoli jew l-għana la Bormliża. Madanakollu mill-ħamsinijiet 'l hawn u mindu beda jsir il-Festival tal-Għana bdew jidħlu tipi ġodda ta' għanjiet, fosthom il-makkjetta.




Bħall-makkjetta tat-teatrin, l-iskop prinċipali tal-makkjetta tal-għana huwa li sservi bħala għanja umoristika, li tagħti gost lill-għannejja u lid-dilettanti tal-għana, bir-regoli partikolari tagħha li essenzjalment jorbtuha mal-għana. Allura f'dan il-każ il-makkjetta mhux se titkanta imma se titgħanna. Barra minn hekk il-makkjetta mhux ser ikollha melodija popolari ta' xi kanzunetta Ingliża jew Taljana, imma l-ħoss tipiku assoċjat mal-kitarri tal-għana.

L-aktar għannejja magħrufa għall-makkjetta tal-għana huma Fredu Spiteri l-Lavarist u Fredu Abela l-Bamboċċu.

*lehhilmalti@gmail.com* **LEĦĦ IL-MALTI** *lehhilmalti@gmail.com*

# TFULITNA

ta'
**Ġorġ Borg**





Twelidna qalb ir-raba'
u lgħabna bil-ħaxix,
ġrejna fit-tul fl-għelieqi
u rqadna fil-għarix.

Ix-xemx tiddi fuqana
għamlitna samranin.
Iż-żifef ġew u marru
li ġew u marru s-snin.

Tfulitna kienet ħelwa
ħsibnieha ser iddum
ma kienx hemm bżonn li ngħoddu
il-ġranet ta' kuljum.

Iżda issa qalb ir-raba'
infittxu u ma nsibux
it-tfal li baqgħu ċkejkna,
it-tfal li ma kibrux.



**leħħ il-Malti**
*nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija*

Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com*